**Fi żmienek ta’ btala**

Tibdil fil-ħajja iseħħ bil-bosta
Mit-tramuntana sa nofsinnhar,
Mill-punent u l-lvant wisq imbieghed
Il-ħajja taf issir balla nar.

Nar ta' kull għamla, tip, ċirkustanza
Imsejkna miftuħa fl-irwiefen,
Ħa tinġarr fejn għandha tinġarr b'rieħa
Hekk abbli ssib ma xiex titwieżen.

Naf, ħallel kbar għandek sew mohbija
Saff saff wara ħarstek miksura,
Li hemm preżenti fis-sabiħ wiċċek
Nitolbok biss biex ma ddurx lura.

Ibqa' miexja fis-sliem, ħobb 'l-familtek
U dak Alla li ma temminx bih,
Xorta wahda bierkek, veru jafek
L-hena tiegħek tassew tinsab fih.

Jalla daż-żmien ta' btala ikunlek
Ta' faraġ w paċi li ghandek bżonn,
Halli f'ħajtek issib lil min jgħannqek
U qatt u qatt min jurik il-ponn.

Għalik nitlob, ma nistax fi ħsiebi
Inwarrbek qisek ma teżiżtix,
Ibqa' soda f'kull tempesta kbira
Anki jekk żgħira, ruħek tarmix.

Did-dinja bil-frugħa kollha tagħha
Għad tgħaddilek kif tgħaddi ‘l kulħadd,
X’se tgħidlu lil Alla li tant ħabbek
Meta tidher quddiemu, b’hekk x’ħadt?

Patri Mario Attard OFM Cap
13 ta’ Frar 2025

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.